MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2011

Appell Kriminali Numru. 312/2010

**Il-Pulizija
(Spt. Nikolai Sant)
Vs
Abderrahim Errebsy**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-28 ta' Mejju, 2010 bejn 13.00 hrs u 23.15 hrs u fid-29 ta' Mejju, 2010 bejn 6.00 hrs u 8.45 hrs gewwa Ent. B., Flt 9, Gublew tal-Fidda, Triq George Tayar, San Gwann, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'daqq ta' muzika.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-1 ta' Lulju, 2010, li biha wara li rat l-artikolu 338(d) tal-Kap. 9, sabet lill-appellant ħati bl-imputazzjoni dedotta w ikkundannatu għall-amenda ta' ħamsin Ewro (€50).

Rat ir-rikors tal-appellant Abderrahim Errebsy (ID no. 18365A) minnu pprezentat fit-12 ta’ Lulju, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w tghaddi sabiex tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, ħtija u piena jew, fin-nuqqas, tirriforma s-sentenza appellata billi timponi piena aktar ekwa w gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-appellant ġie akkuzat bil-kontravvenzjoni kontemplata taħt artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali [Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ malta] li jistipula illi huwa ħati ta’ kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku kull min : *“b’xi mod iehor mhux imsemmi band’ohra f’dan il-Kodici, jikser volontarjament il-bon order jew il-kwiet tal-pubbliku”.*
Kif jidher car mic-citazzjoni *de quo,* l-appellant gie akkuzat taht artikolu 338(dd) abbazi tal-allegat storbju li huwa kkaguna permezz ta’ daqq ta’ muzika. Fl-opinjoni tal-appellant, mic-citazzjoni nnifisha – u għalhekk saħansitra minn qabel ma beda s-smigħ tax-xhieda tal-prosekuzzjoni – kellu jidher biċ-ċar illi l-appellant ma seta’ qatt jinstab hati tal-akkuza kif dedotta w dan billi daqq ta’ muzika w kwalsiasi storbju iehor, ma jista’ qatt jikkostitwixxi l-kontravvenzjoni kkontemplata taħt l-imsemmi artikolu 338(dd).

2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-appellant jirrileva illi l-kontravvenzjoni kif dedotta fic-citazzjoni *de quo* ma gietx ippruvata sal-grad rikjest mil-ligi ossija ma gietx ippruvata lil hemm minn kull dubbju dettat mir-raguni.
Billi, ghalhekk, il-prosekuzzjoni f’dan il-kaz naqset milli tressaq prova skond il-ligi illi l-appellant kien prezenti gewwa Ent. B. Flt 9, Gublew tal-Fidda, Triq George Tayar, San Gwann, fid-dati u fil-hinijiet indikati fic-citazzjoni, u

billi, inoltre, l-istess prosekuzzjoni naqset milli tipprova illi l-appellant, fl-istess dati u hinijiet kien qed idoqq il-muzika in kwistjoni, hija l-umli fehma tal-istess appellant illi huwa kellu jigi liberat mill-kontravvenzjoni kif dedotta.

3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, u f'kaz biss li din il-qorti tichad l-ewwel zewg aggravji suespost, l-appellant jirrileva illi l-piena li giet imposta mill-Ewwel Qorti kienet eccessiva w, fi kwalunkwe kaz, kienet tesorbita l-parametri tal-piena stabbiliti mill-ligi ghall-kontravvenzjoni *de quo.*
Fil-fatt, l-Ewwel Qorti, permezz tas-sentenza appellata, kkundannat lill-appellant ghal ammenda ta' hames mitt Ewro (€500). ghal kull buon fini l-appellant jirrileva illi ghalkemm mill-pronunzjament tas-sentenza mill-Ewwel Qorti dak inhar tal-1 ta' Lulju 2010 huwa kien fehem illi kien gie soggett ghal ammenda ta' hamsin Ewro (€50), irrizulta, minn vera kopja ta' l-original tas-sentenza li l-istess appellant ottjena wara l-imsemmija seduta w li l-istess appellant jirrizerva li jesebixxi, jekk ikun il-kaz, fl-ewwel udjenza quddiem din il-qorti, illi huwa kien gie kkundannat għal ammenda ta' hames mitt Ewro (€500).

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.
Ikkonsidrat

Li mhix-xhieda tal-Ispettur Nikolai Sant jirriżulta li kien sar rapport mis-sur Angelo Vassallo fil-konfront tal-appellant li allega li beda jsima' storbju bħal banaging, moving of furniture, playing loud music u banging metal agianst the metal stair. (fol 20). Ir-rapport daħal fid-29 ta' Mejju 2010 u l-inċdient ġara fit-28 ta' Mejju 2010. Kien hemm incident ieħor fid-29 ta' Mejju 2010. (Ara Dok NS).

Xehed ukoll Angelo Vassallo li qal li kien hemm xi disgwid bejn l-appellant u l-bqija tar-residenti fuq xi lift. Fit-28 ta' Mejju 2010 l-appellant beda jagħmel ħafna storbju b'mużika għolja, tisbit mal-art tiegħu – li jiġi s-saqaf tax-xhud – u baqa' sejjer sal-11 ta' bil-lejl. Fid-29 ta' Mejju kien hemm tisbit enormi li qajjem u ħsad lill-familja (fol 22). L-istorbju għadu sejjer s'issa. Fil-kontro-eżami x-xhud qal li ma kienx kellem lill-appellant dak in-nhar tal-

istorbju iżda l-ħsejjes kienu ġejjin minn għandu. Ix-xhud qal ukoll li l-appellant jgħix ma' martu u ma ibnu fl-appartament. Fil-blokk hemm għaxar appartamenti. Fir-ri-eżami ix-xhud qal li l-appellant joqgħod fuqu eżatt.

Ikkonsidrat

Li l-ewwelnett it-tielet aggravju tal-appellant huwa dawr kemm kienet il-piena. Huwa ssottometta li fl-awla kien fehm li kienet imposta multa ta' 50 Ewro iżda mbagħad meta ottjena kopja tal-oriġinal sab li din l-ammenda kienet titla' għal 500 Ewro.

Minn dak li għandha l-Qorti fil-proċess jirriżulta li fis-sentenza miktuba a propju pugno l-figura hija ta' 50 Ewro biss. Fis-sentenza dattilografata tidher ukoll il-fuigura 50 Ewro (ara fol10 tal-proċess.

Għalhekk il-propja piena hija ta' 50 Ewro. Ad ogni modo, kif sew qal l-appellant, ammenda ta' 500 Ewro ma teżistix.

Aggravju aktar importanti huwa l-punt legali dwar l-artikolu 338(dd) tal-Kap 9. Dan jgħid hekk:

'b'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra f'dan il-Kodiċi, jikser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet pubbliku'

L-imputazzjoni tgħid hekk:

'volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, b'daqq ta' mużika'.

L-appellant jikkwota b'approvazzjoni żewġ deċiżjonijiet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta. Dawn huma dik tal-għorin ta' Novembru 1998 'Il-Pulizija vs Raymond Spiteri' u dik tal-24 ta' Novembru 1996 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Joseph Spiteri'. Fi ftit Dawn is-sentenzi fihom referenzi għal sentenzi oħrajn li jimxu fuq l-istess fil. Dan gu li l-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 jikkontempla dak li
'fil-common law Ingliża hu magħruf bħala 'breach of the public peace'. Għalhekk l-inkonvenjent ikkawżat minn

ħsejjes, kbar kemm ikunu kbar ma jammontawx għar-reat li jikkontempla l-artikolu 338(dd).’

Fil-każ minn fejn ittieħdet din is-silta, il-ħsejjes kienu ġejjin minn freezers u l-Qorti ħassret u rriformat is-sentenza billi illiberat lill-appellant minn kull imputazzjoni, ħtija u piena. (Vol.LXXXII Part IV paġina 424 sa 428).

Fil-kaz l-ieħor li hawn fuq saret referenza għalih intqal li l-artikolu 338(dd) jissusisti meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba ċ-ċirkostanzi li fihom dak l-għemil iseħħ inissel imqar minimu ta’ inkwiet jew inkolumita’ fiżika ta’ persuna jew dwar l-inkolumita’ ta’ propjeta’, kemm b’riżultat dirett ta’ dak l-għemil jew minħabba l-possibilita’ ta’ reazzjoni għal dak l-għemil.

Fil-fehma tal-Qorti l-porvi miġjuba mill-Prosekuzzjoni ma jinkwadrawx taħt l-imputazzjoni kif redatta bħala ‘ksur ta’ bon ordni jew tal-kwiet pubbliku’.

Oltre dan l-artikolou ċitat mill-ewwel Qorti fis-sentenza huwa l-artikolu 338(d) li jirregola sitwazzjoniet oħrajn (ara fol 2 u fol 10 tal-proċess).

Għaldaqstant il-Qorti qed tirrevoka s-sentenza tal-1 ta’ Lulju 2010 fl-ismijeit premessi u qed tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, ħtija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------